# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971


04 ta' Frar 2005

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 17/2005

## STQARRIJA TA' L-ISQFIJIET MALTIN

### Il-problemi etiċi tat-teknika għal riproduzzjoni assistita

Kulħadd jilqa' bil-ferħ il-progress fil-kamp tax-xjenza u tat-teknoloġija. Dan huwa ġid kbir għal kulħadd. Napprezzaw fuq kollox il-kobor ta' Alla li jagħti d-dehen lil dawk li jagħmlu dawn l-iskoperti. Anke t-Teknoloġija ta' Prokreazzjoni Assistita fetħet it-triq għal ġejjieni aħjar. Dan b'mod speċali għal dawk li, minħabba ħaġa jew oħra, hu diffiċli għalihom li jaqtgħu xewqithom bit-twelid ta' tarbija.

Pero' nħossu l-ħtieġa li nagħmlu din l-istqarrija bl-iskop li niġbdu l-attenzjoni dwar xi punti li l-lum qegħda tqajjem it-Teknoloġija ta' Prokreazzjoni Assistita (*Assisted Reproductive Technology*) , kif ukoll dwar id-Dijanjosi Ġenetika Pre-Implantali (*Pre-Natal Genetical Diagnosis*).

Inħossu li mill-banda waħda rridu nsemmu l-mira ta' dan il-mezz tekniku, kif ukoll nagħrfu r-riżultati miksubin s'issa, u min-naħa l-oħra t-tħassib serju li t-tħaddim ta' din it-teknoloġija jqajjem fil-kuxjenza ta' min għandu rieda tajba. Mhux dak kollu li huwa teknikament possibbli huwa etikament tajjeb. Fil-fatt, id-deontoloġija, l-etika serja u korretta, li ġejja mill-qedem u li għandha teżamina u tirregola kull attivita' medika u xjentifika tippreskrivi li bħala norma l-ewwel preċett huwa li m'għandhomx isiru ħsara jew deni. Din in-norma hija fundamentalment u profondament umana, jiġifieri favur id-dinjita' u l-ġid sħiħ tal-bniedem.

Madankollu, s'issa din it-teknika qajmet bosta tħassib. Dan ma jfissirx li l-futur ma jistax ikun aħjar. Bosta mill-pijunieri ta' din it-teknoloġija, filwaqt li jagħrfu d-diffikultajiet u t-tħassib li tqajjem din it-teknika, jittamaw li għalkemm it-triq li wieħed irid jimxi hija twila, ir-riżultat mixtieq jista' jintlaħaq.

Iżda fil-preżent ma nistgħux ninsew jew naħbu dak li jmur kontra l-bniedem u d-dinjita' tiegħu.

**It-teknika tal-prokreazzjoni assistita**

**I**. Il-għan ewlieni tat-Teknoloġija ta' Prokreazzjoni Assistita*,* li hu tajjeb, huwa dak li tgħin lill-koppji li għandhom problemi dwar it-tnissil ta' l-ulied, cioe' li tkun ta' għajnuna l-aktar f'każijiet ta' koppji sterili jew infertili minħabba difetti tal-ġisem tal-bniedem jew fil-mod kif jiffunzjona.

X'nafu dwar din it-teknoloġija?

Mingħajr ma nidħlu fid-dettalji, nistgħu ngħidu li kienu Patrick Steptol u Robert G. Edwards li ħadmu ħafna biex jipproduċu embrijoni umani fil-laboratorju fl-Universita' ta' Cambridge. Imbagħad, wara ħafna tentattivi u nuqqas ta' suċċessi, fil-25 ta' Lulju 1978 twieldet l-ewwel tarbija li kienet konċepita fil-laboratorju. Fi ftit żmien, din it-teknoloġija ġdida xterdet f'ħafna nazzjonijiet.

Din il-ġrajja seħħet 27 sena ilu. Huwa għalhekk għaqli li wieħed jara u jirrifletti fuq dak li ġie mwettaq f'dan il-qasam tax-xjenza u mediċina matul dan iż-żmien.

**Fallimenti kbar**

Ix-xjenza u l-mediċina ħadmu dejjem biex tingħata, permezz tat-teknika dejjem aktar avvanzata tal-fekondazzjoni artifiċjali, tarbija lil min jixtieqha u jitlobha. Pero' wieħed jista' jgħid, fuq rapporti li huma ppubblikati, li l-effiċjenza tat-teknoloġiji kollha li sal-lum ġew introdotti fil-kamp tal-mediċina għat-Teknoloġija ta' Prokreazzjoni Assistita hija żgħira ħafna. Ta' min ukoll jinnota b'dispjaċir kbir li embrijoni umani li kienu konċepiti fil-laboratorju ġew użati bħala oġġett ta' riċerka.

Wieħed irid jimmarka wkoll li din it-teknoloġija tqajjem problemi serji kemm għan-numru ċkejken ta' nisa li fihom kienet bdiet it-tqala, kif ukoll għal dawk li jitwieldu, bħalma huma aborti spontanji u numru akbar ta' mwiet fost it-trabi l-ġodda minn dak li soltu jiġri fil-popolazzjoni in ġenerali. Dan hu kkonfermat minn ħafna analisijiet l-aktar riċenti.

F'kelma waħda, ir-riżultati li nkisbu sal-lum permezz tat-teknika li biha jiġu prodotti embrijoni fil-laboratorju bil-ħsieb li tagħti tarbija qed twassal għal konklużjoni waħda: li l-mediċina f'dan il-qasam għadha tinsab f'fażi sperimentali u dan b'danni kbar għall-maġġoranza kbira ta' dawk li jagħmlu użu minn din it-teknoloġija.

**Ħarbet mill-kontroll tal-mediċina tassew responsabbli**

Dan juri li l-assistenza, l-għajnuna għar-riproduzzjoni ta' persuni umani (it-Teknoloġija ta' Prokreazzjoni Assistita*)* permezz tal-produzzjoni ta' embrijoni fil-laboratorju ħarbet mill-kontroll ta' mediċina li hija verament responsabbli. Fil-fatt, mhumiex wieħed jew tnejn ix-xjenzati li ilhom jaħdmu f'dan il-qasam, bħall-pijunieri R.M.L. Winston u K. Hardy, li jistqarru li "Iġġib fid-dinja tarbija hija responsabbilta' mill-aktar serja. Ma nistgħux ninjoraw is-sħab iswed li qed jinġema' fuq dawn it-terapiji."

Huwa preċiżament dan is-sħab li qed iqajjem tħassib serju dwar it-teknoloġija ġdida tal-prokreazzjoni assistita.

Waħda minn dawn is-sħabiet, jew aħjar it-tħassib tqil u l-aktar serju, huwa n-numru kbir ta' produzzjoni ta' embrijoni umani, u min-naħa l-oħra l-frekwenza għolja ta' embrijoni umani ċertament destinati għall-mewt. Kull teknika ta' fekondazzjoni jew ta' konċepiment fil-laboratorju, minkejja li l-għadd ta' embrijoni li jridu jiġu trasferiti jkun limitat, timplika l-mewt ta' ħafna embrijoni umani: mewt li wieħed ikun jaf biha u jkun iridha. Dan hu fatt li ħadd ma jista' jmerih.

Hemm ukoll riservi oħra, bħal per eżempju: it-trattament ormonali qawwi li jsir fuq il-mara biex jinkisbu l-ova; barra l-qtil ta' embrijoni żejda hemm il-periklu li l-embrijoni li ma jintużawx jiġu esposti għal kull tip ta' manipulazzjoni; marbuta ma' din it-teknika hemm ukoll il-problema ta' min jista' jagħmel użu minn din it-teknoloġija, jekk hux koppji miżżewġin biss jew anke oħrajn; jekk il-gameti li jintużaw f'din it-teknika humiex meħudin minn ħdan il-koppja miżżewġa biss jew inkella jsirx użu minn gameti ta' terzi persuni estranji għall-koppja. Ta' min ifaħħar u jġib 'il quddiem dawk il-mezzi tekniċi li jgħinu u mhux jieħdu post ir-riproduzzjoni umana fi ħdan il-koppja.

B'kull ma qed jiġri f'dan il-qasam tax-xjenza hemm minn banda numru kbir ħafna ta' qtil ta' embrijoni, li huma soġġetti umani; nafu li hu qtil u li jsir volontarjament. Min-naħa l-oħra, hemm ukoll danni serji fiżiċi, psikoloġiċi u ekonomiċi għal kull waħda min-numru kbir ta' nisa li ma jirnexxilhomx ikollhom tarbija. Hemm ukoll problemi mhux żgħar għan-nisa li jirnexxilhom ikollhom tarbija. Dan kollu jmur kontra, għall-aħħar, il-prinċipju "li ma tagħmilx ħsara" -- li għandu jkun fil-bażi ta' l-attivita' medika kollha.

**It-teknika tad-Dijanjosi Ġenetika Pre-Implantali**

**II** F'dan il-kamp tissemma wkoll it-teknika msejħa Dijanjosi Ġenetika Pre-Implantali. Fir-realta' din timplika "selezzjoni ewġenika". Hija dijanjosi ġenetika qabel l-impjant ta' l-embrijone fil-ġuf, biex ikunu jistgħu jinkisbu riżultati dejjem aħjar. Tiġi wżata teknika partikolari biex tinkixef xi anomalija f'xi ċellula jew tnejn, u l-embrijoni minn fejn kienu ttieħdu dawk iċ-ċelluli jiġu eliminati jew mogħtija għar-riċerka. Din hija aberazzjoni mill-aktar gravi li ebda etika medika serja ma taqbel magħha.

Jistgħu jingħataw ukoll każijiet ta' koppji li għalkemm mhumiex sterili, għandhom biża' li jkollhom tfal maħkumin minn xi difetti ġenetiċi gravi; għalhekk ikunu jridu jkunu ċerti li dan ma jiġrix u hekk ikollhom tarbija b'saħħitha. Jingħataw ukoll każijiet oħrajn li wkoll jistħoqqilhom attenzjoni u għajnuna partikolari għaliex il-koppji jgħaddu minn tbatijiet kbar.

L-iskop ta' dan il-proċess huwa li jkun hemm produzzjoni għolja ta' soġġetti umani fi stat embrijonali bit-tama li l-mara tkun tista' issib minn fejn tagħżel u

tittrasferixxi fil-ġuf wieħed jew aktar, biex imbagħad jiżviluppa. Min-naħa l-oħra jiġri li soġġetti umani fi stadju embrijonali li jirriżulaw anormali jisfgħu eliminati.

Min jgħid li f'dan l-istadju ta' l-iżvilupp ma hemm ebda soġġett uman determinat, jaqa' fi żball xjentifiku u antropoloġiku.

Hemm min isostni li dak li jista' jinkiseb għall-ġid ta' l-oħrajn permezz tad-Dijanjosi Ġenetika Pre-Implantali għandu aktar valur mill-embrijoni. Min isostni din il-pożizzjoni jista' jsir responsabbli ta' att gravi ta' inġustizzja. Ir-raġuni stess turina li ma tistax tagħmel dak li hu ħażin biex tikseb ġid probabbli jew ċert.

Issib min ikompli jgħid li hu inqas gravi li toqtol soġġett uman qabel l-impjant milli li tagħmel abort fir-raba' jew ħames xahar. Dan hu żball oħxon -- li tiddetermina l-gravita' tad-delitt skond il-grad ta' l-iżvilupp ta' persuna umana determinata. Mill-bidu tal-fużjoni taż-żewġ gameti, jiġifieri meta jingħaqdu flimkien iċ-ċelluli li jittrasmettu l-ħajja, hemm dejjem l-istess soġġett uman. Fil-fatt, f'kull każ, jinqatel dejjem soġġett uman innoċenti. Din hija sitwazzjoni reali li tmur kontra dak li titlob etika medika umana.

**Hemm bżonn liġi**

Din is-sitwazzjoni tissuġġerixxi li anke f'pajjiżna din it-teknoloġija ġdida tat-Teknoloġija ta' Prokreazzjoni Assistita tiġi regolata b'mod li ma tħalli ebda spazju għal azzjonijiet li jmorru kontra l-bniedem u l-familja.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed issir neċessarja f'pajjiżna liġi li tirregola din l-attivita'.

Qed ngħixu f'soċjeta' li qed tiġi maħkuma dejjem iżjed minn pluraliżmu etiku li joħloq konfużjoni fil-moħħ ta' dak li jkun, jiġifieri, li wieħed iġib ruħu kif iħoss u jaqbillu mingħajr ma jirrispetta l-verita'.

Niftakru li fid-dawl tat-Teknoloġija ta' Prokreazzjoni Assistita, kif żviluppat s'issa, ma humiex imħarsin biżżejjed id-drittijiet tan-neo-konċepiti u hemm bieb miftuħ għal kull abbuż.

L-etika medika, f'dan il-qasam, għandha oġġezzjonijiet kbar.

Inħeġġu lil kulħadd biex nitolbu lill-Mulej imexxi lil dawk li jaħdmu f'dan il-qasam ħalli kull ma jagħmlu jkun skond ir-rieda tiegħu għall-ġid tal-bnedmin.

✠ Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta

✠ Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex

✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju ta' Malta

04 ta' Frar 2005